MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 23/2017

It-Tlieta 28 ta' Frar 2017

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Sandra Grech – Membru

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sinjura Marija Saliba - Chairperson ippresjediet il-laqgħa.

### 23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

23.1.1 Iċ-Chairperson qalet li l-membru S Grech kienet skużata u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

### 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

23.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 22/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

23.2.2 Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

23.2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

23.2.4 Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentati u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 23.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

23.3.1 Rigward il-problema tat-trasport tal-iskola għat-tfal tal-Kinder u Pre-Kinder iċ-Chairperson qalet illi kellmuha xi ġenituri fejn infurmawha li ser jittrasferixxu għal Malta. Għaldaqstant mhemmx bżonn li l-Kumitat jaħseb għat-trasport.

23.3.2 Ic-Chairperson qalet illi l-ikla tal-Milied għadha ma saritx. Il-Kumitat qabel illi ssir din l-ikla.

23.3.3 Dwar id-dwal li nqalgħu minn Triq il-Port biex isiru oħrajn ġodda minflokhom iċ-Chairperson qalet illi tkellmet ma Keith Vella Muskat. Ġie deċiż illi jiġu identifikati postijiet biex jitwaħħlu dawk li huma f'kundizzjoni tajba.

23.3.4 Iċ-Chairperson qalet illi l-globi ta' fuq iz-zuntier għadhom mitfija minkejja li nfurmat lill-i*staff* tal-Kunsill biex jitranġaw sal-festa. Id-Deputat

Segretarju Eżekuttiv ippreżentat korrispondenza bid-data ta' meta ġew irrappurtati. Id-data kienet 3 ta' Frar 2017. Id-Deputat infurmat ukoll li ntbagħtet lista lill-Ministeru għal Għawdex bl-ismijiet tat-toroq minn fejn ser tgħaddi l-purċissjoni sabiex isir it-traqqiegħ bit-tarmak fihom.

23.3.5 Iċ-Chairperson issuġġeriet illi s-*soft area* ta' Misraħ M'Anġ Refalo tiġi mżejna bil-fjuri. Il-membru M Cefai fakkar li l-Kumitat kien iddeċieda li jitlob lill-Perit jagħmel *sketch* biex tiġi rranġata din il-parti. Iċ-Chairperson insistiet li d-Dipartiment tal-Agrikoltura jirranġaha bil-fjuri.

23.3.6 Iċ-Chairperson talbet sabiex il-ħaddiema tal-Kunsill jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni f' bankina fi Triq Santa Marija u jinżebgħu mill-ġdid *double yellow lines* li m'għadhomx viżibli.

## 23.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

23.4.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat illi l-ħajt ta' Trieste fi Triq il-Qbajjar irid jitneħħa sal-aħħar ta' Ġunju 2017 u jekk ma jitneħħiex hemm garanzija ta' €50,000.

23.4.2 Id-Deputat Chairperson flimkien maċ-Chairperson sostnew illi l-ispralli li saru fi Triq Ulisse qed jinqalgħu kollha għaliex il-materjal li ntuża huwa wieħed inferjuri. Id-Deputat Chairperson issuġġerixxa u l-Kumitat qabel li għandu jiġi nfurmat b'dan il-Perit.

23.4.3 Il-membru M Cefai staqsa dwar ix-xogħol fuq il-bankijiet li saru fil-Menqa mill-Kumitat bil-materjal offrut mill-Ministeru għal Għawdex. Id-Deputat Chairperson qal illi min għamilhom ma għamilhomx dritti. M Cefai lmenta li saret blokka mhux imwaħħla mal-art kif oriġinarjament kellhom isiru u dawn faċilment jistgħu jinqalgħu bil-maltemp. Iċ-Chairperson qalet illi dawn għadhom iridu jiġu miksija b'materjal *maintenance free* mill-Ministeru għal Għawdex. Id-Deputat Chairperson offra li jiltaqa' mal-kuntrattur P Caruana li wettaq dan ix-xogħol sabiex jiġu rranġati.

## 23.5 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa

23.5.1 Korrispondenza mingħand is-Sur E Scerri dwar inċident li seħħ f'Marsalforn xhur ilu. Il-Kumitat qabel illi jitlob aktar informazzjoni u jerġa jiddiskutih fil-laqgħa li jmiss.

23.5.2 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar l-istemma tal-Kumitat u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat għal din l-istemma. Il-Kumitat qabel u approva l-istemma.

23.5.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat illi l-Ministeru għal Għawdex għadu ma bagħatx risposta dwar l-istima tal-konkos tal-passaġġ fi Triq Santa Marija.

23.5.4 Transport Malta approvat parkeġġ riservat għall-perijodu ta' sitt xhur quddiem ir-residenza Flat 8, The Empyrean, Triq Santa Marija.

23.5.5 Il-plier nieqes li kien hemm ħdejn l-Otters ġie rrappurtat lid-Dipartiment tal-Agrikoltura u Sajd.

23.5.6 Id-Dipartiment għall-Iżvilupp Rurali bagħat korrispondenza dwar ħamiem selvaġġ fi Triq Għar Qawqla. Il-Kumitat ma qabilx ma din il-korrispondenza peress li r-rapport sar minn persuna anonima.

23.5.7 Is-sid tal-istabiliment ta' *Jessica's Delights* talab lill-Kumitat sabiex il-*belvedere* fi Triq il-Wied jissebbaħ u jiddawwal. Il-Kumitat qabel illi jgħaddi dan l-ilment lill-Gvern Ċentrali.

23.5.8 Spiridiona Camilleri talbet sabiex isir parkeġġ riservat *loading/unloading* quddiem il-ħanut tagħha fi Triq il-Wied. Il-Kumitat qabel illi jintalab il-permess mingħand Transport Malta. Iċ-Chairperson infurmat illi għatba minn ħdejn il-ħanut inqalgħet u s-sidien tal-appartament qed isibuha diffiċli biex jidħlu. Il-Kumitat qabel illi din l-għatba ssir minn Road Construction.

23.5.9 Iċ-Chairperson qalet illi avviċinawha diversi persuni sabiex it-trasport pubbliku jidħol fi Triq il-Batterija. Il-Kumitat qabel illi jitlob lil Transport Malta.

23.5.10 Iċ-Chairperson qalet illi l-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita` li hemm fi Triq l-Isqof Pace għandu jitneħħa peress li l-persuna li fuqha ħareġ il-permess mietet. Il-Kumitat qabel.

23.5.11 Il-Kumitat iddeċieda li s-sitt bankijiet tal-kwotazzjoni li ħarġet fis-6 ta' Settembru 2016 jeħlu fi Triq il-Wied. Il-Kumitat qabel ukoll illi jiġu

ordnati sitt bankijiet oħra. Iċ-Chairperson talbet sabiex fl-istess sit titħawwel palma oħra flok dik li mietet. Il-Kumitat qabel.

23.5.12 Il-Perit tal-Kunsill informa lill-Kumitat biex jikteb lill-Transport Malta biex tiġi mplimentata l-iskema ta' *reserved parking* għar-residenti. Il-Kumitat qabel illi jistieden rappreżentant ta' Transport Malta biex jiġi għal laqgħa u jiddiskuti dan is-suġġett.

23.5.13 Dwar ir-*rumble strips* fi Triq il-Wied il-Perit bagħat id-dettalji ta' persuna li tagħmel dawn l-i*strips*. Il-Kumitat qabel illi jitlob kwotazzjoni għal dawn l-i*strips*.

23.5.14 Il-Kumitat qabel illi jiġu ċċekkjati permessi li nħarġu fil-passat lis-Sur Gary Doyle tal-Glass Box Bar sabiex jiġu diskussi f'laqgħa oħra.

23.5.15 Is-Sinjura Joan Vella Muskat bagħtet ilment dwar l-istat diżastruż ta' Triq Għar Qawqla. Talbet sabiex din it-triq tingħata attenzjoni mmedjata. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ppreżentat l-istima li saret mill-Perit Scerri għal din it-triq datata 12 ta' Marzu 2016. Is-Sindku qal li din l-istima trid tiġi riveduta meta l-offerta tal-kisi tiġi aġġudikata. Iċ-Chairperson issuġġeriet illi tintalab laqgħa b'urġenza mal-Ministru għal Għawdex b'dawn is-suġġetti:

- Triq Għar Qawqla;
- Għassa tal-Pulizija.

Il-Kumitat qabel li tintalab din il-laqgħa peress li l-Kunsill m'għandux fondi biżżejjed biex iwettaq dawn ix-xogħlijiet.

23.5.16 Is-Sindku qal illi kkuntattjawh xi persuni dwar il-ħsara li hemm fil-*merry-go-round* fil-*promenade* tal-Qbajjar. Ġie deċiż illi tintbagħat korrispondenza b'urġenza sabiex din tiġi rranġata.

23.5.17 Dwar il-ħajt imwaqqa' ta' ħdejn il-Herbees fi Triq il-Qbajjar is-Sindku ssuġġerixxa li l-ħaddiema tal-Kunsill jieħdu l-ġebel żejjed li hemm ħdejn is-sit li qed tinbena l-latrina pubblika fix-Xwejni u jibnu dan il-ħajt bih. Il-Kumitat qabel peress li l-post huwa ffrekwentat minn ħafna u perikoluż. L-Awtorita` tal-Ippjanar m'identifikatx is-sidien.

23.5.18 Saret diskussjoni dwar l-i*skips* u s-sitwazzjoni preokkupanti tagħhom. Iċ-Chairperson, id-Deputat Chairperson u Simon Salomone Reynaud qablu li jżidu l-i*skips* filwaqt li Martin Cefai ma qabilx.

23.5.19 Ilment nru. KAM 03/2017 – L A Sultana
Talbet biex issir tabella biex ma jintremiex skart fi Triq is-Sajjied l-aħħar triq qabel tibda t-triq il-wieqfa. Il-Kumitat qabel illi ssir din it-tabella.

23.5.20 Il-membru S Salomone Reynaud spjega fid-dettall l-attivita` 'Festa Marsalforn Art Music & More'. Il-Kumitat interessat li jkun jaf bil-*budget* ta' dan il-festival.

23.5.21 Il-membru S Salomone Reynaud ippropona li jsir grupp ta' voluntiera biex darba f'ġimgħa inaddfu siti l-aktar bżonjużi f'Marsalforn. Il-Kumitat lest li jixtri l-materjal meħtieġ biex isir dan it-tindif u qabel li l-persuna inkarigata minn dan tkun S Salomone Reynaud.

23.5.22 Għal din il-laqgħa attenda s-Sur V Refalo fejn ssuġġerixxa li jitwaqqaf tim tal-futbol. Il-*Gozo Football Association* (GFA) iddikjarat li mhux possibbli li dan iseħħ peress li diġa hemm tim fiż-Żebbuġ. Il-Kumitat qabel li jikteb lill-GFA u juri x-xewqa tiegħu li jifforma tim tal-futbol li kien jeżisti qabel.

23.5.23 Is-Sur V Refalo tkellem ukoll dwar l-applikazzjonijiet ta' attivitajiet li huwa jorganizza f'Misraħ M'Anġ Refalo kull ta' nhar ta' Ġimgħa u Sibt minn Ġunju sat-23 ta' Settembru. Il-Kumitat ser jikkunsidra jekk jorganizzax attivitajiet simili.

## 23.6 *One-way* Triq il-Qbajjar u Triq il-Wied

23.6.1 Il-membru F Fenech issuġġerixxa li Triq il-Qbajjar tingħalaq mill-1 ta' Ġunju sal-aħħar ta' Settembru. Il-membru M Cefai qal illi għandha tingħalaq fl-eqqel tas-sajf biss. Is-Sindku qal illi huwa tal-opinjoni li din tingħalaq mill-aħħar ta' Ġunju sat-8 ta' Settembru. Wara diskussjoni l-Kumitat qabel illi din ser tingħalaq mill-1 ta' Ġunju sal-aħħar ta' Settembru.

23.6.2 Dwar Triq il-Wied il-Kumitat qabel illi mit-8.00 ta' filgħaxija sa nofsillejl għandha tkun *one-way*.

## 23.7 Mozzjonijiet

23.7.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 23.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

23.8.1 Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fit-8.35 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tlieta 28 ta' Marzu 2017 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 28 ta' Marzu 2017.

Iffirmati
Marija Saliba
Chairperson

Iffirmati
Josianne Cassar
Deputat Segretarju Eżekuttiv